

Brussell, 13 ta' Meju 2020
(OR. en)

7971/20

JAI 356
FRONT 137
VISA 51
SAN 156
MI 134
TRANS 209
COMIX 210

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Meju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 222 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar it-tieni valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 222 final.

Mehmuż: COM(2020) 222 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.5.2020
COM(2020) 222 final

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar it-tieni valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar
mhux essenzjali lejn l-UE**

I Introduzzjoni

Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Unjoni Ewropea enfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ Ewropew konġunt fir-rigward tal-COVID-19 u għal koordinazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea.

Fis-16 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill, dwar "Restrizzjoni Temporanja fuq Vjaġġar Mhux Essenzjali lejn l-UE"¹. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Kunsill Ewropew jaġixxi bil-ħsieb tal-adozzjoni rapida, mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-Istati Membri ta' Schengen flimkien mal-kontropartijiet tagħhom tal-Istati Assoċjati ma' Schengen, ta' restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi lejn iż-żona tal-UE+².

Fis-17 ta' Marzu 2020, l-Istati msemmija hawn fuq qablu dwar azzjoni kkoordinata fil-fruntieri esterni bbażata fuq ir-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni. Minn dakinhar, l-Istati Membri kollha tal-UE (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda) u l-Istati Assoċjati ma' Schengen³ ħadu deċiżjonijiet nazzjonali biex jimplimentaw ir-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar.

Biex tassisti lill-Istati Membri, fit-30 ta' Marzu 2020 il-Kummissjoni adottat gwida "dwar kif għandhom jiġu implimentati r-restrizzjonijiet temporanji fuq l-ivvjaġġar, l-iffaċilitar tar-rimpatriji minn madwar id-dinja, u dwar it-trattament ta' persuni li l-viżi tagħhom skadew minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar"⁴. Din il-gwida ġiet elaborata b'kontribut mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) u l-Europol.

Fit-8 ta' April 2020, b'segwitu għall-Komunikazzjoni tas-16 ta' Marzu, il-Kummissjoni adottat ukoll Komunikazzjoni ta' segwitu "dwar il-valutazzjoni tal-applikazzjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq vjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE"⁵. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri ta' Schengen u lill-Istati Assoċjati ta' Schengen biex jestendu b'mod ikkoordinat l-applikazzjoni tar-restrizzjoni għall-ivvjaġġar fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi lejn iż-żona UE+ bi 30 jum ieħor, jiġifieri sal-15 ta' Mejju 2020.

L-introduzzjoni ta' restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar li tapplika għall-ivvjaġġar mhux essenzjali kollu minn pajjiżi terzi lejn iż-żona UE+. Madankollu, biex jiġu salvagwardati d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE u taċ-ċittadini tal-Istati Assoċjati ma' Schengen⁶, kif ukoll il-membri tal-familja tagħhom u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu legalment fl-UE, dawn il-persuni huma eżentati mill-applikazzjoni tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali biex imorru lura lejn darhom. Barra minn hekk, sabiex l-impatt tar-restrizzjoni fuq il-funzjonament soċjetali jiġi limitat għall-minimu neċessarju, l-Istati Membri ngħataw ir-rakkomandazzjoni li ma japplikawx ir-restrizzjonijiet fuq kategoriji speċifiċi ta' vjaġġaturi b'funzjoni jew ħtieġa essenzjali⁷.

¹ COM(2020) 115, is-16 ta' Marzu 2020.

² Iż-żona UE+ tinkludi l-Istati Membri kollha ta' Schengen (inklużi l-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija), kif ukoll l-erba' Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen. Din tinkludi wkoll l-Irlanda u r-Renju Unit jekk jiddeċiedu li jallinjaw ruħhom.

³ L-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja, l-Iżvizzera.

⁴ C(2020) 2050, it-30 ta' Marzu 2020.

⁵ COM(2020) 148, it-8 ta' April 2020.

⁶ Inklużi ċ-ċittadini tar-Renju Unit u ċ-ċittadini tal-Istati Parteċipanti fil-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (is-Serbja, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, it-Turkija) meta jiġu rimpatrijati skont il-Mekkaniżmu.


⁷ Dawn jenħtieġ li jinkludu

- Il-professjonisti tal-kura tas-saħħa, ir-riċerkaturi tas-saħħa, u l-professjonisti tal-kura tal-anzjani;

Peress li l-perjodu rakkomandat għaż-żamma ta' restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar fil-fruntieri esterni se jintemm fil-15 ta' Mejju 2020, din il-Komunikazzjoni tivvaluta jekk hijiex meħtieġa u għustifikata estensjoni ulterjuri.

II Żviluppi minn mindu għet adottata l-Komunikazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar (it-8 ta' April 2020)

L-għan ta' restrizzjoni fuq l-ivvjaġġar fil-fruntieri esterni huwa li jitnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-marda permezz tal-ivvjaġġar lejn l-UE. Ix-xahar ta' April ra tnaqqis drastiku kontinwu fl-ivvjaġġar globali, kemm lejn l-UE, kemm mill-UE, kif ukoll għal-UE. Fit-3 ta' Mejju 2020, il-Eurocontrol⁸ irrappurtat tnaqqis kumplessiv ta' 91% fl-għadd ta' titjiriet, li jfisser 27,754 titjira inqas meta mqabbla mal-2019⁹. Bħalissa, it-titjiriet li fadal huma prinċipalment limitati għall-merkanzija. Qed jidhru xejriet simili wkoll fil-modi l-oħra tat-trasport, bħat-trasport bil-baħar, il-karozzi tal-linja privati u l-ferroviji.



Filwaqt li xi Stati tal-UE u Stati Assoċjati ma' Schengen qed jieħdu l-ewwel passi kawti tagħhom biex itaffu l-miżuri ta' tbeġhid soċjali fit-territorji tagħhom, l-għan ġenerali li jiġi limitat it-tixrid tal-Coronavirus permezz ta' tnaqqis fl-interazzjoni soċjali għadu hemm. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni fl-Ewropa kif ukoll is-sitwazzjoni dinjija għadha fraġli ħafna u ma jistax jiġi eskluż li jista' jkun meħtieġ li l-miżuri jiġu introdotti mill-ġdid f'każ ta' żieda għal fl-infezzjonijiet.

Fil-15 ta' April 2020, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u l-President tal-Kunsill Ewropew stabbilew "Pjan Direzzjonali Ewropew Konġunt biex jitneħħew il-miżuri ta'

- Il-ħaddiema bejn il-fruntieri;
- Il-ħaddiema staġjonali fl-agrikoltura;
- Il-persunal tat-trasport;
- Id-diplomatiċi, il-persunal tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, il-persunal militari u l-ħaddiema tal-għajnuna umanitarja fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom;
- Il-passiġġieri fi tranżitu;
- Il-passiġġieri li jivvjaġġaw minħabba raġunijiet imperattivi tal-familja;
- Il-persuni fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew għal raġunijiet umanitarji oħrajn, b'rispett tal-prinċipju ta' *non-refoulement*.

⁸ Il-Eurocontrol hija magħmula minn 41 Stat madwar id-dinja.

⁹ www.eurocontrol.int

konteniment tal-COVID-19”¹⁰. Il-Pjan Direzzjonali Konġunt jipproponi approçċ gradwali għall-ftuħ tal-fruntieri interni u esterni tagħna, bl-għan li eventwalment nerġġu lura għal moviment liberu mingħajr restrizzjonijiet u l-funzjonament normali taż-żona Schengen. Il-kontrolli fil-fruntieri interni se jkollhom jibdew jitneħħew gradwalment u b’mod ikkoordinat qabel ma, fit-tieni stadju, ikunu jistgħu jiġu llaxkati r-restrizzjonijiet temporanji fil-fruntieri esterni u r-residenti mhux tal-UE jkunu jistgħu jerġġu jibdew l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE.

Ta’ min ifakkar ukoll li sabiex jiġu indirizzati l-problemi serji kkawżati mill-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni u r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, u biex jiġu limitati l-impatti fuq il-funzjonament tas-suq intern, il-Kummissjoni mmobilizzat ir-riżorsi kollha meħtieġa u żgurat il-koordinazzjoni fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll gwida Prattika biex tiżgura l-fluss kontinwu ta’ merkanzija vitali madwar l-UE permezz ta’ korsiji ħodor¹¹, biex tiffaċilita l-merkanzija bl-ajru¹² u biex tiggarantixxi l-eżerċizzju tal-moviment liberu tal-ħaddiema¹³. Dawn il-linji gwida pprovdew mitigazzjoni importanti tal-impatt tar-restrizzjonijiet fuq is-Suq Uniku u l-moviment liberu u jenħtieġ li jiġu applikati sakemm jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni.

III Estensjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar lejn iż-żona UE+

Kif intqal fuq, ittieħdu passi preliminari lejn it-tħaffif tal-miżuri ta’ konteniment għall-ġlieda kontra t-tixrid tal-pandemija minn xi Stati Membri. Madankollu, huwa imperattiv li kwalunkwe azzjoni li tittieħed tkun gradwali, b’mezzi differenti jitneħħew f’fażijiet differenti. Barra minn hekk, għandu jitħalla żmien biżżejjed bejn kull fażi, peress li l-impatti se jkunu jistgħu jitkejlu maż-żmien biss. Filwaqt li s-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-UE qed tibda turi xi stabbilizzazzjoni u qed tagħti lok għal ottimiżmu kawt, ir-riskju ta’ żieda ġdida fit-trażmissjonijiet fil-komunità għadu hemm, b’mod partikolari jekk il-miżuri jitneħħew kmieni wisq u b’mod li ma jkunx ikkoordinat. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni għadha fraġli f’ħafna pajjiżi terzi, inkluż f’pajjiżi li normalment ikollhom ivvjaġġar sostanzjali lejn u mill-UE, b’ħafna pajjiżi u reġjuni fi stadji aktar bikrin tal-esponiment għall-virus milli fl-Ewropa.

Sabiex jiġu kkomplementati l-isforzi tal-UE u tal-Istati ta’ Schengen biex jiġi limitat it-tixrid tal-COVID-19 permezz ta’ tnaqqis fl-interazzjoni soċjali, għadha meħtieġa wkoll azzjoni parallela u kkoordinata fil-fruntieri esterni taż-żona UE+. Biex jiġi żgurat li dawn l-azzjonijiet ikunu effettivi, jenħtieġ li jiġu implimentati mill-Istati kollha tal-UE u ta’ Schengen fil-fruntieri esterni kollha, bl-istess data tat-tmiem, u b’mod uniformi.

Għalhekk, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri ta’ Schengen u lill-Istati Assoċjati ma’ Schengen biex jestendu l-applikazzjoni tar-restrizzjoni għall-ivvjaġġar fuq l-ivvjaġġar mhux essenzjali minn pajjiżi terzi lejn iż-żona UE+ bi 30 jum oħra, jiġifieri sal-15 ta’ Ġunju 2020. Jenħtieġ li kwalunkwe estensjoni ulterjuri ta’ dan il-perjodu tiġi vvalutata fil-ġimgħat li ġejjin, abbażi tal-iżvilupp tas-sitwazzjoni epidemjoloġika kemm fl-UE u kemm barra minnha.

Jenħtieġ li l-kamp ta’ applikazzjoni tal-estensjoni tar-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar ikun l-istess bħal dak stabbilit fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Marzu u tat-8 ta’ April 2020. Jenħtieġ li l-Istati Membri, meta japplikaw ir-restrizzjoni temporanja fuq l-ivvjaġġar, isegwu l-Gwida maħruġa mill-Kummissjoni fit-30 ta’ Marzu 2020. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tfakkar fil-punt 15 tal-Komunikazzjoni tagħha dwar l-implimentazzjoni

¹⁰ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication_-_a_european_roadmap_to_lifting_coronavirus_containment_measures_0.pdf

¹¹ C(2020) 1897, it-23 ta’ Marzu 2020.

¹² C(2020) 2010, is-26 ta’ Marzu 2020.

¹³ C(2020) 2051, it-30 ta’ Marzu 2020.

ta' Korsiji Ħodor tat-23 ta' Marzu 2020 u tappella lill-Istati u lill-atturi kollha biex ikomplu jikkooperaw u japplikaw il-gwida ta' implimentazzjoni dwar il-korsiji l-ħodor kemm jista' jkun fil-fruntieri esterni.